# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' April, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 29/23/1**

**Cherubino Limited (C 3677)**

**v.**

**1. Central Procurement and Supplied Unit**
**2. Direttur Ġenerali tal-Kuntratti għan-nom u in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Kuntratti**
**3. Evolve Limited (C 38907)**

**Il-Qorti:**

1. Rat li dan hu appell imressaq fis-17 ta' Jannar, 2023, mis-soċjetà rikorrenti Cherubino Limited wara sentenza li l-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Bord") ta fit-28 ta' Diċembru 2022, fil-każ li jġib referenza C/2037/2022 (każ numru 1822).

2. Dan il-każ jirreferi għall-ħruġ ta' sejħa "*for the supply of an automated system for antibiotic sensitivity testing of bacteria with equipment on loan*". Il-kumitat ta' evalwazzjoni ddeċieda li jirrakkomanda li l-kuntratt jingħata lis-soċjetà intimata Evolve Ltd. Is-soċjetà rikorrenti ressqet oġġezzjoni għall-quddiem il-Bord. Dan il-Bord fis-sentenza tiegħu tat-28 ta' Diċembru, 2022, ċaħad l-oġġezzjoni tas-soċjetà rikorrenti u approva r-rakkomandazzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni.

3. Għal fini ta' din il-kawża, din il-Qorti ma tarax bżonn li tirriproduċi s-sentenza tal-Bord peress illi sejra titratta u tilqa' l-aggravju preliminari li s-soċjetà rikorrenti ressqet bħala l-ewwel aggravju fl-appell li hija ressqet għal quddiem din il-Qorti mis-sentenza tal-Bord.

4. Dan l-aggravju jolqot in-nullità tad-deċiżjoni tal-Bord peress illi x-xhieda ta' ċerta Jasmina Trajkovic ma ġietx reġistrata. Dan hu kkonfermat mill-atti u minn korrispondenza li s-segretarju tal-Bord kellu mal-avukat tas-soċjetà appellanti. Meta dan tal-aħħar talab kopja tax-xhieda ta' din ix-xhud, irriżulta li kienu ġew reġistrati d-domandi tiegħu biss, iżda kważi ebda risposta tal-istess ma ġiet inkluża. Kif ingħad, is-segretarju tal-Bord ikkonferma dan, għax f'ittra li bagħat lill-avukat qallu:

> "Since Ms Trajkovic was testifying by means of the zoom application not all her testimony was picked up by the recording which was held at the PCRB premises."

5. Issa hu veru li x-xhieda ta' din ix-xhud instemgħet mill-Bord u l-partijiet preżenti għal-laqgħa, iżda x-xhieda tagħha kienet importanti u imsejħa bħala l-"*key witness*" tas-soċjetà appellanti u ma hemmx garanzija li l-Bord qies dak kollu li qalet din ix-xhud. Ix-xhieda tagħha kienet tikkontrasta max-xhieda ta' xhud oħra (Dr Claire Marantidis Cordina), it-tnejn esperti fil-materja, liema xhieda ġiet kollha reġistrata. Ix-xhieda kienet waħda teknika u x-xhieda kollha kellha tkun quddiem il-Bord qabel ma ddeċieda. Il-Bord, fid-deċiżjoni tiegħu, jirreferi għax-xhieda ta' Dr Claire Marantidis Cordina u ta' xhieda oħra, iżda ma jirreferix għad-depożizzjoni ta' Ms Trajkovic ovvjament għax ma kellux it-traskrizzjoni tal-osservazzjonijiet tagħha.

6. Ix-xhieda ta' din Ms Trajkovic tidher li kienet importanti għal każ tas-soċjetà appellanti. Anke biex tkun tista' tressaq appell validu, kellu jkollha quddiemha x-xhieda kollha li qies il-Bord. Dan il-Bord kellu jerġa' jitlob sabiex din il-persuna terġa' tagħti x-xhieda tagħha f'seduta oħra, meta jirranġaw il-ħsarat tekniċi li kellha fis-sistema tar-*recording*, u mhux taġixxi bħal li kieku qed tinjora x-xhieda tagħha.

7. Din il-Qorti hija konxja li dan in-nuqqas ġieli ma wassalx għal annullament tad-deċiżjoni in prim istanza, speċjalment meta d-depożizzjonijiet tal-imsemmija xhieda "*mhux ser jimpinġi fuq l-eżitu tas-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti*" (ara "<u>Powell v. EneMalta plc</u>" deċiża

minn din il-Qorti fl-1 ta' Diċembru, 2021). Hemm, però, diversi sentenzi oħra li jgħidu b'mod ċar li fl-assenza tat-traskrizzjoni, il-Qorti ta' Reviżjoni "ma' tistax tikkontrolla jekk il-Bord ibbażax ruħu sewwa fuq provi legali kif trid il-liġi a norma tal-Artikolu 584 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili" (ara "Agius v. Borg" deċiża minn din il-Qorti, sede inferjuri, fis-6 ta' Ottubru, 2010). Dan aktar u aktar meta x-xhieda tkun ta' natura teknika u important għall-parti fil-kawża.

8. Lanqas tista' ddur fuq il-prinċipju ta' validità a bażi tas-sustanza tas-sentenza tant li din il-Qorti, sede inferjuri, kienet għamlet din l-osservazzjoni fil-każ fl-ismijiet "Sammut v. Hayman", deċiża fit-8 ta' Ġunju, 2005;

> *"Fil-hsieb ponderat ta' din il-Qorti huwa ferm difficli li tistabbilixxi jekk fis-sustanza, is-sentenza de quo hijiex gusta o meno billi ma ghandhiex ghad-disposizzjoni taghha l-provi kollha li nghataw fil-kawza biex tista' tiddeterminaha u tivvaluta jekk verament is-sentenza hijiex sostanzjalment gusta. Din mhix kwestjoni ta' nuqqas ta' notifika ta' att, kif hekk kien il-kaz fid-decizjoni appena citata, u li ma gabet ebda pregudizzju serju lill-parti, izda si tratta nvece minn ezami u accertament ta' xhieda li nghatat u li din il-Qorti ma hijiex in grad li tiddetermina r-rilevanza taghha ghad-decizjoni tal-kaz gjaladarba tinsab nieqsa mill-atti. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma ssibx raguni biex ma ssegwix hi wkoll ir-ragunijiet fis-sentenzi superjorment riferenzjati".*

Dan il-ħsieb jattalja tajjeb mal-każ tal-lum, għax trattandosi ta' xhieda teknika li tikkontrasta max-xhieda ta' esperti oħra, huwa importanti għal din il-Qorti li jkollha quddiemha x-xhieda kollha li sema' il-Bord.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-soċjetà Cherubino Ltd., billi tilqa' l-istess, tħassar u tikkanċella d-deċiżjoni li ħa l-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi fit-28 ta' Diċembru, 2022, f'dan il-każ, u tibgħat l-atti lura għal quddiem dak il-Bord biex, <u>b'kompożizzjoni differenti</u>, jisma' u jiddeċiedi mill-ġdid dan il-każ. Id-depożitu li għamlet is-soċjetà appellanti biex jinstema' l-każ tagħha quddiem il-Bord għandu jservi għas-smigħ mill-ġdid tal-każ.

L-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu mid-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti għan-nom u in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr